# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru. 2701

**Kaz Nru. 3012/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**
**bejn**
**Luciano Callus**
**u**
**Trelleborg Sealing Solutions Malta Ltd.**

***(dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).***

**Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).**

**Dan it-Tribunal Industrijali jibda biex jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Kompitenza Inferjuri) moghtija fit-23 ta' April, 2018 mill-Onor. Imhallef Anthony Ellul, fl'Appell Numru 30/2016 u rrefera ghar-**

rikors tal-appell fejn l-appellant umilment talab lil Onorabbli Qorti joghgobha fil-waqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza tat-Tribunal Industrijali, li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent illum l-appellant kienet wahda ngusta fil-ligi u kwantu ghall-ordni li l-esponent ghandu jerga jigi moghti lura l-impieg tieghu fi zmien hmistax (15) il-gurnata tad-Decizjoni tat-Tribunal Industrijli izda l-Qorti tal-Appell thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tal-istess sentenza tat-Tribunal Industrijali fejn gie ddikjarat li l-perjodu kollu li ilu barra mill-impieg ghandu jitqies bhala sospensjoni bla hlas bhala mizura ta' dixxiplina u minflok tghaddi sabiex tillikwida kumpens gust ghal tali terminazzjoni ngusta tal-impieg u tordna lill-istess socjeta appellata thallas tali kumpens likwidat fi zmien perentorju li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq.

Minn naha tas-socjeta ntimata pprezentat twegiba fejn tghat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud. Fl-istess waqt pproponiet appell incidentali, fejn ilmentat li malli t-Tribunal wasal ghal konkluzjoni li "l-provi jindikaw li l-impjegat kien qed jirregistra cycles aktar milli effettivament kien qed jaghmel, imissu waqaf hemm u ddecieda li allura jiskatta l-klawsola 18 (b) tal-Ftehim Kollettiv u allura tipprevali d-diskrezzjoni assoluta tal-management dwar x'mizura ta' kastig kellha tigi applikata.

**Wara li l-Qorti tal-Appell ittrattat il-kaz, l-Onor. Imhallef Anthony Ellul ddecieda fis-sentenza tieghu li tilqa' l-appell tar-rikorrent biss sa fejn kompatibbli ma' dak li jinghad, fis-sens li thassar dik il-parti tas-sentenza li biha t-Tribunal ordna li r-rikorrent, "...jigi moghti l-impieg lura fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni u l-perjodu kollu li ilu barra mill-impieg ghandu jitqies bla hlas bhala mizura ta' dixxiplina". Tikkonferma l-kumplament tad-Decizjoni, u tibghat l-atti lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex jaghti lir-rikorrent rimedju skond il-ligi talli tkecca ngustament mill-impieg".**

**Il-Qorti tal-Appell iddecidiet ukoll li tichad l-appell incidentali li gie mressaq mis-Socjeta.**

**Ghal dan il-ghan it-Tribunal Industrijali sejjah lill-partijiet biex jibda jitratta l-kaz skond kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell. Matul is-smigh tal-kaz ir-rikorrenti kien assistit mill-Avv Abigail Critien  u ghas-socjeta ntimata dehret l-Avv Veronica Galea Debono.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid, li ghadu mhux jahdem u qieghed jppercepixxi r-relief u dan kif jirrizulta mill-employment history tieghu. Huwa jghid ukoll, li mas-socjeta kellu paga gross ta' €781.17 kull hmistax u konsegwentement €1562.34 fix-xahar.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li kif jirrizulta mir-registration history hu ghamel minn kollox biex isib impjieg tant, li kien hemm perjodu zghir ta' xahrejn fejn sab impjieg u kien registrat fuq bazi part 3, izda tali xoghol ma rnexxiex u baqa jfittex impjieg s'issa.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li kif jirrizulta mic-certifikati medici huwa jsofri minn problema f'dahru u ghalhekk hu limitat bit-tip ta' xoghol li jista' jaghmel.**

**Ghaldaqstant huwa jghid, li abbazi ta' dak suepost huwa umilment jottometti li l-kumpens li ghandu jinghata ghal tali tkeccija ngusta ghandu jikkonsidra t-tul ta' zmien li ilu bla mpjieg intortament, l-fatt li ghandu familja u tlett itfal, l-fatt li ghandu diffikultajiet sabiex isib impjieg tajjeb ghalih u ghall-kundizzjoni medika tieghu.**

**Huwa jghid ukoll, li abbazi ta' dan huwa umilment jissottometti li ghandu jinghata bhala kumpens ghat-tkeccija ngusta tieghu l-paga kollha li tilef ghaz-zmien kollu li ilu bla impjieg u cioe mill-14 ta' Frar, 2012 sal-gurnata tas-sentenza finali u fi kwalunkwe kaz l-ammont ta' kumpens moghti ghandu jkun aktar minn €10,000 li nghata mpjegat iehor li wkoll gie terminat mill-impjieg flimkien mieghu u liema offerta giet irrifjutata minnhu ghar-ragunijiet hawn fuq, kif ukoll minhabba t-**

trapass taz-zmien u l-fatt li kellu iressaq il-proceduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li fl-ewwel lok skond l-Employment History tar-rikorrenti minn dakinhar li gie tterminat l-impieg tieghu mas-socjeta esponenti, qatt ma rega hadem jew sab impieg iehor, u ilu dawn is-snin kollha jircievi r-relief.

Hija tghid ukoll, li ghal kollox impercepibbli u mhux verosimili, kif matul dawn is-snin kollha, r-rikorrent qatt ma sab impieg iehor, meta kulhadd jaf li tezisti sitwazzjoni ta' full employment f'Malta fil-prezent, fejn l-employers Maltin kontinwament jilmentaw li mhux qed isibu manaodopera Maltija biex jimlew il-karigi vakanti li qed jinholqu fl-ekonomija, tant illi qed jirrikorru ghas-servizzi ta' eluf kbar ta' haddiema barranin biex jimlew dawn il-vacancies.

Is-socjeta tghid ukoll, li m'huwiex verosimili li ma fittex ix-xoghol ta' kwalsiasi generu fil-livell manwali ma sabx impieg f'dawn l-ahhar snin. Invece huwa izjed verosimili li min irid japprofitta ruhu minn tkeccija, jaghmel snin shah ma jaghmel xejn u jithallas il-beneficcji socjali u l-kumpens. Dan zgur li ma jimmeritahx li jigi ppremjat ghal dan.

**Is-Socjeta tghid ukoll, li probabbilment ghaliex jaf li huwa difficli li wiehed jemmen li ma sab l-ebda impieg, ir-rikorrenti donnu jrid jallega li r-raguni ghalfejn ma sabx impieg iehor kien li huwa jsofri minn problema f'dahru li jillimitawh fit-tip ta' xoghol li jista' jaghmel. Dan il-fatt fih innifsu iqajjem zewg kunsiderazzjonijiet importanti hafna. L-ewwelnett bil-problemi f'dahru li minnhom qed jilmenta r-rikorrent, zgur li ma kienx ikun possibbli ghalih li jibqa jaghmel ix-xoghol li kien qed jaghmel mas-socjeta esponenti jew xi xoghol iehor mal-istess socjeta'. Dan ifisser, li jekk hu minnu li jezistu dawn il-problemi, r-rikorrent ma kienx ikun jista jibqa mpjegat mas-socjeta esponenti, ghaliex jew jiflah ghax-xoghol jew ma jiflahx ghax-xoghol (kif donnu qed jghid ghax ma sab assolutament xejn li hu tajjeb ghall-kundizzjonijiet tieghu).**

**Fit-tieni lok, is-socjeta esponenti mhi bl-ebda mod responsabbli ghal dawn il-problemi ta' sahha li minnhom ibaghti r-rikorrent u ghalhekk kif tista' qatt tigi kkastigata u kkundannata thallas kumpens ghal dan, kif donnu qed jintalab hawn.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li jekk minhabba f'ragunijiet ta' sahha r-rikorrent m'huwiex kapaci ghal certu xoghol – inkluz ix-xoghol li kien qed jaghmel mas-socjeta esponenti – zgur li m'ghandhiex thallas is-socjeta ghal dan.**

**Is-socjeta tkompli tghid fl'istqarrija tal-kaz taghha, li kulhadd jaf li jezistu proceduri u soluzzjonijiet ohrajn ghal min ma jibqax kapaci ghax-xoghol minhabba ragunijiet ta' sahha.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, li skond ir-Registration History tar-rikorrent mit-22 ta' Marzu, 2012 sas-16 ta' Awissu 2012, ir-rikorrent kien 'suspended until eligible for part 1'. Ghalhekk, is-socjeta trid tivverifika ezattament xi jfisser dan, u ghaliex ir-rikorrent kien 'suspended until eligible for part 1' Oltre dan, ir-rikorrent irid jelenka u jiddikjara ezattament x'beneficcju socjali huwa rcieva f'dan il-perjodu, u s-socjeta titlob li dan jigi dikjarat b'mod car mir-rikorrent.**

**Is-Socjeta tghid ukoll illi fit-tielet lok, ir-rikorrenti ghazel li jesebixxi payslip wiehed biss tas-salarju li huwa kien jircievi mis-socjeta u cioe dak li jkopri l-perjodu mit-12 ta' Novembru, 2011 sal-25 ta' Novembru, 2011 fejn skond ir-rikorrent l-paga grossa tieghu kull hmistax kienet dik ta' €781.17 u ghalhekk skond hu, l-paga fix-xahar kienet dik ta' €1562.34.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, illi l-fatt li rrikorrent ghazel li jesebixxi dan il-payslip partikolari minnflok xi payslip iehor mhu xejn hlief ezercizzju sabiex jipprova jizvija t-Tribunal, ghaliex dan il-payslip partikolari**

**jinkludi l-bonus tal-Gvern fl-ammont ta' €135.01 li ovvjament ma jiffurmax parti mill-basic wage u lanqas ma jista jirduppjah biex johrog**

**il-paga ta' xahar kif ghamel. Di piu anki ix-shift allowances ma jiffurmawx parti mill-basic wage, izda jiddependu biss jekk wiehed ikunx hadem certu shifts jew le fil-perjodu in ezami, u ghalhekk ma jistghux jittiehdu nkonsiderazzjoni hawnhekk.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, illi ghalhekk l-gross basic salary ta' kull hmistax tar-rikorrent hija dik ta' € 537.57 u mhux dik ta' € 781.17 kif qed jghid ir-rikorrent fin-nota tieghu. Dan jidher car ukoll fil-payslip esebit, u ghalhekk ir-rikorrent kien skorrett fin-nota ta' sottomossjonijiet tieghu meta stqarr li kellu paga grossa ta' €781.17 kull hmistax.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, illi fir-raba lok ir-rikorrent jikkonkludi li ghandu jinghata kumpens ghall-perjodu kollu li huwa dam bla impieg minn meta tkecca mill-impieg sas-sentenza finali, u li fi kwalunkwe kaz il-kumpens ghandu jkun aktar minn dak li kien thallas certu impjegat iehor li l-impieg tieghu wkoll gie terminat.**

**Is-Socjeta tghid, illi f'dan ir-rigward tissottometti li kwalsiasi somma li nghatat l-impjegat l-iehor m'ghandu x'jaqsam xejn ma dan il-kaz**

ghaliex dak kien ir-rizultat ta' ftehim bonarju assolutament bla pregudizzju ghal dan il-kaz, fejn l-impjegat inkwistjoni ddecieda li jwaqqaf il-kawza kontra s-socjeta esponenti u ma jappellax mid-decizjoni originali ta' dan it-Tribunal stess. Ghalhekk, huwa skorret ukoll li jissemma ammont li nghata mpjegat fil-kuntest ta' ftehim bonarju, specjalment meta dan l-impjegat ukoll kien qieghed jigi pattrocinat mill-istess GWU bhalma qieghed isir ghar-rikorrenti.

Is-Socjeta tghid ukoll, illi fl-ahharnett tissottometti li t-talba tar-rikorrent li jinghata bhala kumpens il-paga kollu li huwa tilef ghaz-zmien kollu li ilu bla impieg, hija talba ghal kollox bla bazi, bla sens irragonevoli, u ezagerata u ma tistax tigi milqugha kemm ghar-ragunijiet imsemmija fuq f'din in-nota, kif ukoll ghar-raguni li s-socjeta esponenti ma tista qatt tbaghti l-konsegwenzi ta' kawza li damet ghaddejja ghal izjed minn sitt snin minghajr ebda htija kwalsiasi tas-socjeta esponenti u li kapaci anki tibqa ghaddejja izjed fit-tul.

Matul il-provi r-rikorrenti ghamel dikjarazzjoni li minhabba t-trapass taz-zmien hu kien qed jirrinunzja li jerga jigi mpjegat u kien qed jitlob lit-Tribunal Industrijali li jinghata kumpens finanzjarju.

Mill-provi jirrizulta, li l-paga tar-rikorrrent ta' kull hmistax kienet ta' €537.57. Mill-provi jirrizulta wkoll li mit-13 ta' Frar, 2012 meta saret it-

**terminazzjoni ta' l-impjieg sal-20 ta' Novembru, 2018 ir-rikorrent jghid li f'dan il-perjodu ghamel xahrejn biss jahdem u ghadu bla mpjieg u ddikjara li kien qed jitlob li jinghata kumpens ta' €83,860.92. Huwa jghid ukoll, li dan l-ammont ghandu jizdied sakemm ikun hemm Decizjoni.**

**Waqt il-provi tal-kaz ir-rikorrent jghid, li ghamel min kollox biex jipprova jsib impjieg alternattiv kif jirrizulta mic-certifikati li nhargu lilu da parti ta' Jobs Plus izda, ghalkemm ghamel diversi interviews huwa ma irnexxielux li jsib impieg u matul dan iz-zmien hadem biss ghal perjodu qasir ta' xahrejn.**

**Fix-xhieda tar-rikorrent tas-seduta tat-22 ta' Ottubru, 2019 huwa jghid ukoll, li attenda diversi interviews u r-raguni li ma giex mghazul jahseb li kienu minhabba l-eta u peress li kien isofri minn kundizzjoni medika f'dahru.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li din il-kundizzjoni medika ma gietx ikkawzata matul ix-xoghol li kellu mal-Kumpanija ntimata.**

**Fl'istess seduta huwa jghid ukoll, id-Decizjoni originali ta' dan it-Tribunal Industrijali kienet biex jinghata l'impieg lura, izda huwa kien**

**gie nfurmat li l-kumpanija ma rieditx tghatih l-impieg lura u l-offerta tal-kumpanija kienet li jigi moghti s-somma ta' €10,000 bhalma kien ha haddiem iehor. Ir-rikorrenti jghid ukoll, li huwa rrifjuta din is-somma ghax hass li l-ammont kellu jkun aktar minn hekk.**

**Rigward din ix-xhieda tar-rikorrent fejn qal li l-kumpanija rrifjutat li jerga jigi moghti l-impieg kien hemm oggezzjoni minn naha tas-socjeta li qalet, li ma giex moghti l-impieg ghar-raguni li r-rikorrent ma kienx mar jirraporta ghax-xoghol.**

**Sabiex tigi ccarata din is-sitwazzjoni saret seduta fejn sar konfront bejn Mario Ellul li f'dak iz-zmien kien l-HR manager tal-Kumpanija u Jason Deguara, li kien ix-shopsteward tal-Union. Minn naha ta' Jason Degura jghid, li kienet saret laqgha ma l-HR manager fejn il-proposta tal-kumpanija kienet li r-rikorrent ma jidholx ghax-xoghol u jigi moghti kumpens ta' €10,000.**

**Huwa jghid ukoll, li meta kkuntattja lir-rikorrent ma accettax dan il-kumpens u wara li nforma lil HR manager li din il-proposta ma gietx accettata. Huwa jghid ukoll, li minkejja li kien hemm Decizjoni tat-Tribunal Industrijali u r-rikorrent irrifjuta l-offerta tal-Kumpanija xorta wahda il-kumpanija ma bghatitix ghalih biex jidhol ghax-xoghol. Huwa**

**jghid ukoll, li kien ghalhekk li wara appellaw mid-Decizjoni tat-Tribunal Industrijali.**

**Minn naha ta' Mario Ellul li kien l-HR manager tas-socjeta jghid, li ma jiftakarx li qatt saret din l-offerta ta' €10,000 u jghid ukoll li, r-rikorrent qatt ma avvicina lill kumpanija biex jidhol ghax-xoghol. Waqt il-provi l-HR manager jghid ukoll, li lanqas l-kumpanija qatt ma bghatet ghar-rikorrent biex jidhol ghax-xoghol ghax kienet qed tikkontempla li tappella mid-Decizjoni tat-Tribunal Industrijali ghax ma qablitx li kien hemm tkeccija ngusta u li r-rikorrent jerga jiddahhal ghax-xoghol.**

**Mill-provi jirrizluta wkoll, li r-rikorrent kellu kundizzjoni ta' sahha f'dahru u ghamel spejjez li jinkludu medicina, appuntamenti mal-professur u mal physioterapista li jammontaw ghal €2,000. Waqt il-provi huwa jghid ukoll, li minhabba l-kundizzjoni medika tieghu huwa kien ristrett ta' x'tip ta' xoghol setgha jghamel. Mill-provi jirrizulta wkoll, li din il-kundizzjoni ta' sahha ma gietx ikkawzata waqt li r-rikorrent kien fl'impieg imma sehhet wara li kien spicca mill-impieg.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa li r-rikorrenti minhabba t-trapass taz-zmien ghazel li jirrinunzja li jerga jigi ngaggat fl'impjieg u ghazel li jitlob ghal kumpens finanzjarju.**

Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li meta jikkunsidra t-trapass taz-zmien jilqgha t-talba tar-rikorrent li ma jergax jidhol fl'impieg u dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra li jigi moghti kumpens finanzjarju.

Ghaldaqstant, it-Tribunal Industriajli jibda biex jikkunsidra li f'perjodu ta' aktar minn sitt snin ir-rikorrent kull ma hadem kien ghal perjodu ta' xahrejn.

It-Tribunal Industrijali meta jikkunsidra l-hiliet li ghandu r-rikorrent u li fiz-zmien li ma sabx impieg kien hemm klima ekonomika favorevoli fil-pajjiz, fejn kienu qed jingiebu haddiema barranin biex ilhaqqu mad-domanda tax-xoghol, dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li l-provi jindikaw li jista jghati l-kaz li ir-raguni ewlenija li r-rikorrent ma giex ingaggat f'impjieg kienet minhabba l-kundizzjoni medika tieghu u anke minhabba l-eta'.

It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li din il-kundizzjoni medika tar-rikorrent ma gietx ikkawzata waqt li kien fix-xoghol mas-socjeta ntimata izda sehhet wara li kien spicca mill-impieg.

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li fost beneficcji socjali li rcieva r-rikorrent huwa wkoll ircieva regolarment il-beneficcju tal-qghad. Ma dan, huwa kellu wkoll l-National insurance li kienet komperta mill-Istat.**

**Rigward il-kumpess li r-rikorrent qed jippredenti ghal spejjezz li ghamel b'rizultat tal-kundizzjoni medika li ghandu, dan it-Tribunal Industrijali ma jistghax jikkunsidra dan il-kumpens peress li huwa ma kienx wegga fuq ix-xoghol u kien wegga meta l-impieg tieghu kien diga spicca minn mas-socjeta ntimata.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet jiddeciedi li r-rikorrenti ghandu jithallas kumpens ta' €41,500 (wiehed u erbghin elf u hames mitt euro) liema kumpens ghandu jithallas minghand Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u s-sitwazzjoni tal-COVID 19 ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Illum : 26 ta' Jannar, 2021**